Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 138/2025**

**It-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa fl-uffiċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Noel Formosa | Viċi President u Sindku, Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria** |
| Is-Sur Damien Spiteri | Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Joe Debono | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Victor Curmi | Sindku, Kunsill Lokali Xagħra |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sinjorina Simone Refalo | Sindku, Kunsill Lokali Xewkija |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |

*Is-Sindku tar-Rabat ħareġ qabel ma spiċċat il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

NIL

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Nadur
Kunsill Lokali Sannat
Kunsill Lokali Kerċem

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-Viċi President, is-Sur Noel Formosa ippresjeda l-laqgħa peress li l-President ma kienx jiflaħ.

**138.1 Talba**

138.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**138.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

138.2.1 Il-Viċi President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 137 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**138.3 Korrispondenza**

138.3.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva talba mingħand id-direttur tal-Body Art Dance Group għall-finanzjament parzjali għall-attivita li qed tiġi organizzata f'Għajnsielem qabel l-Għid il-Kbir. Din qed tiġi sponsorjata mill-Ministeru għal Għawdex iżda xorta għandhom bżonn aktar finanzi. Il-membri preżenti ma qablux li tingħata fondi għal din l-attivita' u qalu meta r-Reġjun jkollu fondi għall-attivitajiet dawn għandhom jingħataw lill-Kunsilli Lokali b'forma ta' skema.

138.3.2 Ir-Reġjun Għawdex kien approva x-xiri ta' "water fountain" fil-laqgħa 135 li nżammet f'Ottubru 2024. Din sabiex tingħata lill-iskola sekondarja biex tiġi nstallata fil-grawnd għal użu tal-istudenti waqt il-brejks tagħhom. Għal dan il-għan ir-Reġjun talab għall-kwotazzjonijiet. Ir-Reġjun informa lill-membri preżenti li din ser tiġi tiswa madwar €2,200. Il-membri preżenti qalu li din kienet diġa ġiet approvata u qablu ma' din il-kwotazzjoni.

138.3.3 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex rċieva korrispondenza mingħand is-Sur Daniel Cilia dwar *"Emergency Conservation Order British Barracks Fort Chambray"*. L-Viċi Sindku ta' Għajnsielem qal li huma tkellmu mas-Sur Cilia u qablu mal-proposta tiegħu. Is-Sindku tar-Rabat, Is-Sur Brian Azzopardi talab li jkun hemm laqgħa mas-Sur Cilia sabiex din tiġi aktar spjegata. Il-membri preżenti qablu ma dan is-suġġeriment.

138.3.4 Ġie ppreżentat il-programm draft tal-Ftuħ Uffiċjali tas-Sena tal-Kultura - Għawdex 2025. Kien hemm Sindki li talbu li jkollhom aktar informazzjoni, speċjalment dwar l-attivitajiet li ser isiru matul is-sena u dan għaliex ikun hemm ħafna attivitajiet li jsiru minn naħa tal-Ministeru u kemm jista' jkun ma rridux norganizzaw avvenimenti fl-istess ġurnata.

138.3.5 Il-Maniġer tal-Kultura ssuġġeriet li jsir MOU (Memorandum of Understanding) mal-Kunsilli Għawdxin kollha dwar il-parteċipazzjoni u sapport tagħhom fl-applikazzjoni tar-Reġjun Għawdex għat-titlu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 - Reġjun Għawdex. Dan diġa huwa fil-minuti (Minuti Nru 88/2019 -- 21/10/19) iżda peress li ser ikun hemm tibdil fil-Kunsilli jkun aktar faċli jekk ikun hemm MOU. Il-membri preżenti qablu dwar dan.

138.3.6 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill-Reġjonali Lvant dwar proġett bl-isem ta' *"Virtual Malta".* Din hija website (virtualmalta.com). Il-websajt isservi bħala vetrina għall-punti ewlenin kulturali tar-reġjun, billi tuża mezz impenjattiv u informattiv

aċċessibbli għal nies tal-lokal u viżitaturi. Dan il-proġett huwa sponsorjat mill-MTA u għalhekk mhux ser ikun ta' piż finanzjarju għar-Reġjun. Ir-Reġjun irid biss jikkollabora biex jintagħżlu s-siti. Il-membri preżenti qablu li r-Reġjun ta' Għawdex jieħu sehem f'dan il-proġett.

**138.4 <u>Food Film Menu 2025 – koordinazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex.</u>**

138.4.1 Il-President irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur – Head Office – Tourism and Economic Development Directorate, fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, dwar il-hosting tal-Food Film Menu għas-sena 2025. Il-Food Film Menu kompetizzjoni hija parti mill-IGCAT (Institute of Gastronomy, Culture, Arts and Tourism) li r-Reġjun Għawdex huwa abbonat magħha. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex approva li dan jiġi *hosted* mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, flimkien mar-Reġjun ta' Għawdex.

**138.5 <u>Tiġdid tal-Kuntratti tal-Maniġers.</u>**

138.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-kuntratti tat-tieni u tielet maniġers li ġew ingaġġati mar-Reġjun, bażikament dak tal-EU & Local Funds Manager u kif ukoll dak tar-Regional IT Officer, ser jiskadew fil-ġimgħat li ġejjin. F'dan il-ħin, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sur Baskal Saliba sabiex joħroġ mill-kamra. Hi talbet biex jiġi diskuss it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti u spjegat li jekk jiġi mġedded il-kuntratt, l-Maniġer in kwistjoni se jiġi impjegat tal-fiss mar-Reġjun f'dawn il-karigi. Wara li ġew diskussi mill-Membri preżenti, l-kuntratti tal-EU & Local Funds Maniġer u dak tar-Regional IT Officer ġew imġedda.

138.5.2 Ir-Regional IT Officer ippreżenta kopja tad-Degree tiegħu u talab biex jibda jirċievi l-Qualification Allowance. Dan ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

**138.6 <u>Approvazzjoni tal-Baġit 2025.</u>**

138.6.1 Ġie ppreżentat il-Baġit 2025. Dan ġie ippreparat mill-President tar-Reġjun u Segretarju Eżekuttiv bl-għajnuna tal-accountant tar-Reġjun. Il-baġit kien iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant, ġie kkunsidrati bħala moqrija. Il-baġit għas-sena 2025 ġie approvat unanimament.

**138.7 <u>Laqgħa tas-Sindki mal-AKL.</u>**

138.7.1 Is-Sindki ġew informati mill-AKL li ser jibdew isiru laqgħat darbtejn fis-sena mas-Sindki minn Reġjuni speċifiċi, sabiex jifhmu aħjar il-bżonnijiet u l-isfidi li kull Kunsill Lokali jista' jkollu. Dawn il-laqgħat ser iservu sabiex is-Sindki jkollhom l-opportunita' li jistaqsu mistoqsijiet jew iressqu suġġerimenti, kemm dwar l-operat tal-Assoċjazzjoni kif ukoll sfidi li fihom l-AKL jistgħu jassistu forsi b'mod aktar dirett. L-ewwel laqgħa hija skedata għal nhar is-Sibt 22 ta' Frar 2025 fl-10:30 ta' filgħodu. Peress li fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun m'hemmx board room, is-Segretarju Eżekuttiv talbet jekk kienx hemm xi Kunsill li jista' jospita din il-laqgħa. Is-Sindku tax-Xewkija, is-Sinjorina Simona Refalo aċċettat li tospita din il-laqgħa.

138.7.2 Il-Sindki u membri sostituti talbu li għal din il-laqgħa ssir aġenda u għalhekk għandha ssir laqgħa tar-Regjun qabel il-laqgħa mal-AKL sabiex jiġi diskuss il-materjal tal-aġenda.

**138.8 <u>Nominazzjonijiet tal-Malta Council for Economic and Social Development Act (MCESD).</u>**

138.8.1 Ir-Reġjun Għawdex ġie mitlub sabiex jinnomina tlett persuni biex jirrappreżentaw lir-Regjun Għawdex fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali għas-snin 2025-2027. Inġibdet l-attenzjoni li mhux ikun hemm attendenza għall-laqgħat minn naħa tar-Reġjun Għawdex. Is-Sur David Apap Agius, li huwa membru, qal li mhux jattendu għaliex il-ħinijiet tal-laqgħat mhux ikunu f'ħinijiet tajba. Il-Viċi President staqsa jekk kienx hemm min hu interessat li jkun fuq dan il-bord. Is-Sur David Apap Agius wera interess li jibqa jirrappreżenta lil Reġjun Għawdex. Is-Sinjorina Simona Refalo u kif ukoll is-Sur Victor Curmi, wkoll wrew interess. Ħadd iżjed ma wera nteress. Għalhekk ġew innominati dawn it-tlett persuni.

**138.9 <u>Materji Oħra.</u>**

138.9.1 Is-Sindku taż-Żebbuġ ilmenta dwar il-fatt li l-allokazzjoni tnaqqset sostanzjalment minħabba li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart ser jibda jitħallas direttament mir-Reġjuni. Irriżulta li l-ammont imnaqqas (dak li kien allokat għall-Immaniġjar tal-iskart) ma kienx jintefaq għal dan il-għan u l-Kunsill kien ikollu aktar fondi biex juża għal affarijiet oħra. Hu kompla jgħid li naqqas ukoll mill-allokazzjoni ta' spejjez amministrattivi mentri l-pagi għollew.

138.9.2 Is-Sindki li għandhom sub-post office fl-uffiċċji tagħhom ġibdu l-attenzjoni li mhumiex jieħdu ħlas biżżejjed tax-xogħol li qegħdin jagħmlu (speċjalment ix-xogħol tal-pakketti). Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk dawn iffirmawx ftehim mal-Maltapost. Kien hemm min qal li dan huwa servizz u għalhekk qed isir dan ix-xogħol fl-uffiċċju tagħhom u fl-aħħar minn l-aħħar, dan qed isir fuq talba tal-Kunsilli rispettivi. Il-Viċi President (Sindku ta' San Lawrenz) talab li tintbagħat korrispondenza mir-Reġjun biex il-ħlas jiġi rimedjat. Is-Sindku tax-Xagħra ssuġġerixxa li qabel ma tintbagħat talli korrispondenza għandha tintalab laqgħa mal-Maltapost biex jiġu diskussi dawn il-punti. Il-membri preżenti qablu ma dan is-suġġeriment. Il-Viċi President (sindku ta' San Lawrenz) għandu jiddraftja din l-ittra.

138.9.3 Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Brian Azzopardi lmenta dwar il-fatt li r-Rabat ma jieħux l-allokazzjoni addizzjonali tat-turizmu.

138.9.4 Diversi Sindki lmentaw dwar il-fatt li mhux ikollhom komunikazzjoni mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Wara diskussjoni ġie miftiehem li tintbagħat email dwar dan lil-Ministeru għal Għawdex. Is-sindku tar-Rabat ma kienx preżenti, f'dan il-ħin.

138.9.5 Is-Sindku ta' San Lawrenz semma t-talba tiegħu sabiex il-farmhouses rreġistrati jibdew iħallsu taxxa li tgħaddi għand il-Kunsill ta' kull Kunsill rispettiv, sabiex l-iskart tagħhom jiġi miġbur mill-Kunsill mingħajr problemi.

**138.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.**

138.9.1 Fuq proposta tal-Viċi President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 149 li kienet tammonta għal €149,737.95

**138.11 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss</u>**

138.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.30 hrs sine die.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |